# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)

## MAĠISTRAT
## DR. JOSEPH GATT LL.D.

**Illum 12 ta' Awwissu 2024**

**Rikors Revoka Nru: 1324/2024/1**

**Wara l-mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju 608/2024 fl-ismijiet**

**Ernest Gauci (K.I. 0100380M)**

**vs**

**Jeremy Fall (K.I. 0147697A)**

**Il-Qorti,**

Reġgħet rat ir-rikors ta' Jeremy Fall imressaq fl-4 ta' Lulju 2024, permezz ta' liema il-Qorti ntalbet tirrevoka l-mandat ta' sekwestru relattiv stante li ma ġiet imressqa l-ebda talba wara li l-ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta ġiet imwieġba skond il-liġi.

Rat id-digriet tagħha datat tad-9 ta' Lulju 2024[1], fejn ir-rikors ġie appuntat għas-smiegħ.

[1] A fol 6 tal-proċess.

Rat dak li seħħ fis-seduta tal-24 ta' Lulju 2024[2], fejn is-sekwestrant Ernest Gauci kien għadu mhux notifikat. Dakinhar il-Qorti ordnat l-allegazzjoni tal-ittra uffiċjali magħmula ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bin-numru 628/2024.

Rat dak li seħħ fis-seduta tat-8 ta' Awwissu 2024 fejn Ernest Gauci, għad li debitament notifikat, naqas milli jidher u li jħejji nota bis-sottomissjonijiet li kellu skond l-artikolu 836(3) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[3]. Fl-istess seduta, instemgħet ix-xhieda ta' Marbeck Spiteri, Assistent Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali[4], kif ukoll it-trattazzjoni finali[5].

Rat l-atti proċesswali kollha, inkluża dawk tal-ittra uffiċjali fl-ismijiet premessi bin-numru 628/2024.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija deċiżjoni finali dwar ir-revoka tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju hawn fuq indikat. Mill-atti jirriżulta s-segwenti:

1) Fl-14 ta' Marzu 2024, Ernest Gauci ressaq ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Fl-istess ġurnata, ressaq ukoll il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju mertu ta' dan ir-rikors. Iż-żewġ atti ġudizzjarji jitkellmu fuq kreditu ta' erbat elef, tmien mija u ħamsin Ewro (€4,850).
2) L-ittra uffiċjali relattiva ġiet notifikata lil Jeremy Fall fis-26 ta' Marzu 2024.

[2] A fol 8 tal-proċess.
[3] Kif hekk ukoll ġie indikat fid-digriet tad-9 ta' Lulju 2024.
[4] Xhieda tinsab a fol 12 tal-proċess.
[5] Debitament reġistrata u traskritta u tibda a fol 14 tal-proċess.

3) Fis-17 ta' April 2024, Jeremy Fall ressaq nota ta' kontestazzjoni ai termini tal-artikolu 166A(3) tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi mill-atti, u mix-xhieda ta' Marbeck Spiteri, ma jirriżultax li Ernest Gauci ressaq azzjoni għall-pretensjoni tiegħu hekk kif miġjuba fl-ittra uffiċjali. Dan wassal għar-rikors tal-lum.

Illi kif diġà ġie mfisser hawn fuq, waqt is-seduta tat-8 ta' Awwissu 2024 ġie ċċarat lit-talba għar-revoka qiegħda ssir ai termini tal-artikolu 836(1)(a) u (b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, abbinat mal-artikolu 833A tal-istess liġi.

**<u>Artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.</u>**

Illi l-artikolu 833A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula hekk:

> *833A. Meta tiġi preżentata u konfermata bil-ġurament ittra uffiċjali skont l-artikolu 166A, jistgħu minnufih wara jiġu preżentati u konfermati bil-ġurament il-mandati kawtelatorji msemmijin fl-artikolu 830(1)(a), (b) u (d):Iżda meta tiġi preżentata dik l-ittra uffiċjali, ir-rikorrent għandu jippreżenta rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tal-preżentata ta' nota ta' kontestazzjoni sħiħa jew parzjali jew inkella fi żmien sittin ġurnata mid-data tal-ħruġ ta' mandat, jekk ma jkunx hemm nota ta' kontestazzjoni, skont liema data tiġi l-ewwel: Iżda wkoll ma jkun hemm l-ebda ħtieġa ta' rikors ġuramentat jew rikors jew talba, skont il-każ, f'każ li l-mandat kawtelatorju jiġi kkonvertit f'wieħed eżekuttiv jew jiġi mneħħi permezz ta' kontro-mandat.*

Illi mandat kawtelatorju maħruġ bis-saħħa ta' ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, bħal kull mandat kawtelatorju ieħor[6], m'għandux ħajja indefinita[7]. Allegat kreditur irid, sabiex iżomm l-eżistenza ta' dak il-mandat, imexxi bil-kawża appożita msejsa fuq il-jedd sostantiv li jgħid li għandu. F'dan il-każ, allegat kreditur għandu żewġ termini skond il-każ, jew li jmexxi fi żmien **għoxrin ġurnata**[8] mid-data tan-nota ta' kontestazzjoni jew **sittin ġurnata** mid-data tal-mandat[9], sakemm l-ittra ma tiġix reża eżekuttiva[10].

Illi mela f'dawn iċ-ċirkostanzi, il-ħajja tal-mandat miet man-nuqqas ta' Ernest Gauci li jressaq l-att ġudizzjarju meħtieġ sabiex jittanta jikkonkretizza l-allegat

---

[6] Hekk per eżempju ma tistax issir talba sempliċiment sabiex iżżomm l-effetti ta' mandat t'inibizzjoni milqugħ b'mod infinit. F'dan ir-rigward issir referenza, fost oħrajn, għal dak deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Peter Sammut *pro et noe* vs Maria Camilleri *et,*** (Rik Ġur Nru: 397/2008) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-10 ta' April 2018 (mhux appellata).

[7] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Perit Raymond Vassallo *et* vs Peter Borg Cardona,** (Ċit Nru: 624/1989/1) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-22 ta' April 2004 fejn ingħad hekk: *"Illi din iċ-ċirkostanza tagħti lil din il-Qorti x'tifhem li għalkemm il-kawża nfetħet fiż-żmien li trid il-liġi wara li nħareġ il-Mandat, l-atturi xorta waħda jidher li naqsu li jwettqu dak li titlob il-liġi minn min ikun kiseb favurih il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. Kif ingħad għadd ta' drabi, id-dritt tal-kawtela (dak proċedurali) m'huwiex id-dritt sostantiv li jista' jiġi mħares, għaliex dawn huma żewġ jeddijiet distinti li ma jistgħux jitqiesu bħala l-istess jedd. Il-jedd imsemmi fil-Mandat m'huwiex id-dritt li tagħmel mandat, imma huwa d-dritt li għalih il-kreditur eżekutant jagħmel użu mid-dritt li jinstilet mill-kawtela mogħtija bil-ħruġ tal-mandat".* Dan il-bran issellef minn sentenza oħra ta' spiss utilizzata f'digrieti bħal dawn u ċioé dik fl-ismijiet **Carmen Aquilina vs Francis X Aquilina,** (Ċit Nru: 661/66) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Novembru 1991 li kienet amplifikat l-argument hekk: *"Kull mandat kawtelatorju, minn natura tiegħu stess, għandu validita' u ħajja sakemm u biex il-kreditur ikollu l-opportunita' li jikkonkretizza l-kreditu tiegħu f'titolu esekuttiv – li (ukoll ismu miegħu) jippermettilu jesegwixxi l-kreditu li b'hekk ma jkollu bżonn aktar ta' kawtela. Għalhekk hija l-attriċi li għażlet li taqbad din it-triq u tagixxi fuq il-kreditu tagħha – l-ewwel billi tikkawtelah u mbagħad billi tirrealizzah. Il-liġi ma tikkontemplax il-possibbilita' ta' mandat kawtelatorju permanenti".*

[8] Mhux tletin jum kif erronjament indikat fir-rikors odjern.

[9] Eżemplari t'azzjoni simili hija s-sentenza fl-ismijiet **Banif Bank (Malta) plc vs Francis Saliba *et,*** (Ċit Nru: 60/2012) mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri nhar it-12 ta' April 2013 (mhux appellata) u s-sentenza fl-ismijiet **Dr Joelle Cortis vs Perrine Marie Louise Lydie Eulalie Bourgias,** (Rik Ġur Nru: 117/2022) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-6 ta' Diċembru 2022.

[10] Dwar dan, huwa t'interess dak li seħħ u ġie deċiż fid-digriet fl-ismijiet **Allcare Insurance Brokers Limited vs Joseph Vella,** (Rik Nru: 1/2024) mogħti minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar it-18 ta' Lulju 2024.

jedd li għandu[11] fiż-żmien li tagħtu l-liġi. Għalhekk biss, hemm lok lit-talba magħmula taħt dan l-artikolu tintlaqa'[12] għaliex huwa minnu li l-att kawtelatorju m'għadux fis-seħħ.

Illi billi l-Qorti qiegħda ssib li l-mandat ta' sekwestru għandu jiġi mħassar fuq din il-kawżali, ma hemmx aktar lok għal stħarriġ tat-tieni raġuni mressqa a tenur tal-artikolu 836(1)(b) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi finalment il-Qorti tqis li m'għandhiex tilqa' l-istedina magħmula minn Jeremy Fall sabiex din il-Qorti timponi penali u dan għaliex din it-talba issemmiet biss fit-trattazzjoni tar-rikors u ma nġabitx bħala raġuni formali fl-att promotur ta' dawn il-proċeduri. Biex tingħata xi ħaġa mill-Qorti, l-ewwel trid titlobha[13]. Billi l-Qorti qiegħda tastjeni milli tqis dan l-aspett, jibqa' b'hekk impreġudikat il-jedd tal-istess Jeremy Fall sabiex jippromwovi dik it-talba b'mod korrett[14].

**Deċiżjoni**

[11] Kif sewwa ntqal fil-provvediment fl-ismijiet **Andre Pio Catania *et* vs Patel Shanat *et*,** (Rik 244/2020) mogħti minn din il-Qorti kif hemm preseduta, nhar is-17 ta' Jannar 2022: *"Hija responsabiltà' tal-kreditur li jaċċerta illi joqgħod b'mod skrupoluż mad-dettami tal-Art. 833A billi jsegwi l-andament proċedurali tal-mandat kawtelatorju li jkun ippreżenta. Dan proprju għaliex mandat kawtelatorju jinħareġ bir-responsabbiltà ta' min ikun talbu u l-Qorti tordna l-ħruġ ta' tali mandat prattikament mingħajr l-ebda indaġini. B'hekk huwa impellenti fuq kwalunkwe persuna li tikseb mandat kawtelatorju li ssegwi b'reqqa l-provvedimenti tal-liġi".*

[12] Ara f'dan is-sens id-digriet mogħti fl-ismijiet **Jonathan Muscat Baron vs Maxime Charles Veillet La Valle,** (Rik Nru: 153/2021) mogħti minn din il-Qorti kif hemm preseduta nhar it-13 ta' Lulju 2021.

[13] Issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Green Skip Services Limited vs Noel Cefai,** (Talba Nru: 536/2017) mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar nhar il-14 ta' Lulju 2022 fejn ġie mfakkar hekk: *"Kif imfisser in re Il-Pulizija v. Carmelo sive Charles Dingli (Appell Kriminali Inferjuri, 18 ta' Ottubru, 2007), "hu assjomatiku li biex taqla' xi haga mill-Qorti l-ewwel trid titlobha. Ebda Qorti ma takkorda xejn jekk ma tigix mitluba biex taghmel dan." Ghalkemm il-bran huwa derivat mill-kamp kriminali, l-istess taghlim ghandu japplika b'egwa forza ghal qasam tal-proċedimenti civili."*

[14] Ara f'dan is-sens dak li seħħ u ġie deċiż fid-digriet fl-ismijiet **Prof Alfed J Vella *noe* vs Ana Maria Obando Castellanos,** (Rik Nru: 61/2024) mogħti minn din il-Qorti kif hemm preseduta, nhar it-8 ta' Lulju 2024.

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tiddeċiedi dan ir-rikors billi tilqa' t-talba ta' Jeremy Fall, issib li l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju relattiv m'għadux fis-seħħ skond l-artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna l-ħruġ tal-kontromandat formali relattiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu fl-intier tagħhom minn Ernest Gauci.

**Dr Joseph Gatt LL.D.**
Maġistrat

**Annalise Spiteri**
Deputat Reġistratur